# MARIJA, IS-SINJURA TAL-KTAJJEN

Il-knisja taghha tinsab gewwa Scillato, Palermo, Sqallija, Italja.

Il-kult lejn din l-Omm taghna maghrufa bhala Marija tal-Ktajjen beda' fis-sena 1392 gewwa Palermo, meta r-re Martinu I kien isaltan fuq Sqallija.

Tlett irgiel kienu akkuzati ngustament u fit-18 ta' Awissu gew mehuda fi Pjazza Marina fejn kellhom ikunu imdendla fuq il-forka. Gara li kif kienu qed ihejju l-forka, qamet tempesta qalila li minhabba fiha kellhom jiefqu t-thejjijiet u l-esekuturi tal-mewt sabu refugju fil-knisja tas-Sinjura tal-Port. In-nies li kienu ngabru biex jaraw l-esekuzzjoni harbu lejn djarhom biex jehilsu mit-tempesta.

Sakemm qaghdu jistennew il-waqfien tat-tempesta, l-esekuturi rabtu t-tlett hatja ma' l-artal tal-Madonna bi ktajjen doppja. Imma t-tempesta ma rieditx tieqaf u kompliet il-lejl kollu.

Il-gwardji kellhom jghaddu l-lejl jghassu lit-tlett prugunieri.

It-tlett akkuzati talbu fuq li talbu b'fidi kbira lill Vergni Mbierka taht it-titlu tal-Grazzji biex tieqaf maghhom. F'daqqa wahda

ktajjen inkisru waqt li l-gwardji waqghu f’raqda profonda. Huma semghu l-vuci tal-Madonna tassigurhom u tghidilhom: “Intom liberi u tibzghu minn xejn: it-Tfajjel Divin li jiena qed



inzomm f’dirghajja sema’ it-talb taghkom u mill-gdid takom il-hajja.”

Il-ktajjen waqghu u l-bieb infetah berah hekk li t-tlett innocenti setghu jhallu l-knisja waqt li s-suldati kienu rieqda. Meta sebah u l-gwardji qamu ndunaw li l-prugunieri ma kienux hemm. Is-suldati irnexxilhom jaqbudhom imma l-poplu waqqafhom milli jesegwu s-sentenza. Huma talbu l-intercessjoni tar-re Martinu I u meta huwa personalment ra li l-ktajjen ma kienux imkissra b’xoghol ta’ bniedem, iddikjara li kienu mehlusa mill-mewt.

L-ahbar tal-miraklu xterdet ma' kullimkien u follol ta' nies hanqu l-knisja li sejhulha il-Knisja tal-Katina. Il-mirakli kotru fuq li kotru maz-zminijiet u l-Madonna hekk imsejha tal-Ktajjen saret patruna ta' tnax-il municipalita' tal-gzira. Id-devozzjoni lejn Marija xterdet fin-naha ta' isfel ta' l-Italja. U fil-gurnata tal-lum il-knisja hija lok ta' pellegrinaggi u devozzjoni marjana.

RIFLESSJONI:

Ahna xi ftit jew wisq ikoll marbuta bil-ktajjen ma xi haga li ma thalliniex liberi li nersqu lejn Alla jew li naqduh b'qalb libera. Il-Madonna lesta li tkissrilna dawn il-ktajjen biex ahna nersqu lejn Binha Gesu'. Nitolbuha bil-fidi u hija tisma' t-talb taghna bhalma semghet ta' dawk it-tlett innocenti.

.

.